Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1719

1.8.2025

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1719

**tat-28 ta' Mejju 2025**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-koordinati ġeografiċi fl-Annessi VII u XIII tiegħu**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi l-miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar. B'mod aktar partikolari, fl-Anness VII tiegħu jistabbilixxi l-miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għall-Ilmijiet tal-Lbiċ, filwaqt li l-Anness XIII tiegħu jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 ġie emendat bir-Regolament Delegat (UE) 2023/56 ([2]) u ġie aġġornat aktar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3204 ([3]). Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 stabbilixxa diversi każijiet ta' għeluq spazjutemporali fl-Ilmijiet tal-Lbiċ. F'Marzu 2021, dak ir-Regolament Delegat segwa rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ – il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall. Dik ir-rakkomandazzjoni konġunta tat id-dettalji tal-koordinati ġeografiċi taż-żoni fejn jenħtieġ li japplikaw il-miżuri.

(3) L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ infurmaw lill-Kummissjoni dwar żbalji fil-koordinati ġeografiċi taż-żoni fil-parti tal-Punent tal-Baħar tal-Kantabrija, jiġifieri dik opposta għall-Asturias u għall-Galicia, u talbu għall-korrezzjoni tagħhom. L-iżbalji jidhru fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha tat-test, u jenħtieġ li l-Anness VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi kkoreġut kif xieraq.

(4) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 ġie emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303 ([4]), u wara dawk l-emendi stabbilixxa l-għeluq taż-żoni u r-restrizzjonijiet tas-sajd f'għadd ta' żoni fil-Baħar Baltiku biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*). Dak ir-Regolament Delegat segwa żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti ppreżentati mill-Istati Membri tal-Baħar Baltiku ("BALTFISH") – id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja, f'Diċembru 2020 u f'Settembru 2021, rispettivament. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet konġunti taw id-dettalji tal-koordinati ġeografiċi taż-żoni fejn jenħtieġ li japplikaw il-miżuri.

([1]) ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 tad-19 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L 5, 6.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/56/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3204 tal-11 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-gandoffla tal-għonq qasir u tal-paġella ħamra. ĠU L, 2024/3204, 31.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3204/oj.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku (ĠU L 46, 25.2.2022, p. 67, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/303/oj).

(5) BALTFISH informa lill-Kummissjoni dwar żbalji fil-koordinati ġeografiċi tas-siti Adlergrund u x-Xatt tal-Baħar Ċentrali tat-Tramuntana u talab għall-korrezzjoni tagħhom. L-iżbalji jidhru fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha tat-test, u jenħtieġ li l-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi kkoreġut kif xieraq.

(6) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi VII u XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi VII u XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness VII, il-Parti C, il-punt 5.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5.1. Mill-1 ta' Frar sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, għandu jkun ipprojbit is-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ (LLS, bottom set longlines) u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, bottom trawls) fiż-żona tal-Punent tal-Baħar tal-Kantabrija, jiġifieri dik opposta għall-Asturias u għall-Galicia, fiż-żoni ġeografiċi magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

— 43°47'00" N, 005°15'00" W

— 43°47'00" N, 005°12'00" W

— 43°43'00" N, 005°12'00" W

— 43°43'00" N, 005°15'00" W

— 43°55'00" N, 006°46'00" W

— 43°55'00" N, 006°37'00" W

— 43°53'00" N, 006°46'00" W

— 43°53'00" N, 006°37'00" W

— 44°00'49" N, 007°01'12" W

— 44°00'49" N, 006°57'26" W

— 43°58'32" N, 006°57'26" W

— 43°58'32" N, 007°01'12" W

— 44°02'48" N, 007°13'49" W

— 44°02'48" N, 007°10'03"W

— 44°00'15" N, 007°10'03" W

— 44°00'15" N, 007°13'49" W

— 44°10'00" N, 008°18'00" W

— 44°10'00" N, 008°14'00" W

— 44°07'00" N, 008°14'00" W

— 44°07'00" N, 008°18'00" W

— 43°34'00" N, 004°44'00" W

— 43°34'00" N, 004°39'00" W

— 43°32'00" N, 004°39'00" W

— 43°32'00" N, 004°44'00" W

— 44°07'00" N, 007°50'00" W

— 44°07'00" N, 007°45'00" W

— 44°05'00" N, 007°45'00" W

— 44°05'00" N, 007°50'00" W";

(2) fl-Anness XIII, il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 3.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3.1. Is-sajd għandu jkun permess biss bin-nases, bin-nases tal-ħut u bil-konzijiet, fiż-żoni magħluqa elenkati hawn taħt billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

"ix-Xatt tal-Baħar Ċentrali tat-Tramuntana":

| | |
|---|---|
| — 56,241°N | — 17,042°E |
| — 56,022°N | — 17,202°E |
| — 56,145°N | — 17,710°E |
| — 56,380°N | — 17,675°E"; |

(b) Il-punt 3.3. għandu jiġi emendat kif ġej:

"Bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Jannar, għandu jkun ipprojbit is-sajd bix-xbieki statiċi ([1]) fiż-żoni magħluqa bil-linji rombu, bil-linji tas-separazzjoni marittimi taż-ŻEE tal-Ġermanja ([2]) jew bil-linji tad-delimitazzjoni tal-baħar territorjali tal-Ġermanja ([3]) li jgħaqqdu sekwenzjalment is-settijiet ta' koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:"

(c) Fil-punt 3.3, it-taqsimiet "Is-sit ta' Natura 2000 'Adlergrund' (DE1251301)", "Is-sit ta' Natura 2000 'Westliche Rönnebank' (DE1249301)" u "Is-sit ta' Natura 2000 'Pommersche Bucht mit Oderbank' (DE1652301)" huma sostitwiti kif ġej:

"Is-sit ta' Natura 2000 'Westliche Rönnebank' (DE1249301)

Iż-żona ġeografika magħluqa:

(1) bil-linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

| Punt | Latitudni (N) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| MGI-01 | 54,719193 | 13,901025 |
| MGI-02 | 54,770556 | 14,003889 |
| MGI-03 | 54,702500 | 14,103889 |
| MGI-04 | 54,647584 | 13,991417 |

([1]) L-għeżula tat-tisqif immażrati parzjalment, ikklassifikati fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea bħala għażel (GNS), li huma ankrati ma' qiegħ il-baħar fuq naħa waħda, jaqgħu fid-definizzjoni ta' xbieki statiċi.

([2]) Skont il-mapep nawtiċi uffiċjali Nri 2920 u 2921 ippubblikati mill-Awtorità Marittima tal-Ġermanja [BSH, Bundesamt für Seeschifffahrt und Hydrographie]

([3]) Skont il-mapep nawtiċi uffiċjali Nri 2920 u 2921 ippubblikati mill-Awtorità Marittima tal-Ġermanja [BSH, Bundesamt für Seeschifffahrt und Hydrographie].

(2) bil-linja tad-delimitazzjoni marittima tal-baħar territorjali tal-Ġermanja minn 54,647584° N 13,991417° E sa 54,719193° N 13,901025° E."

"Is-sit ta' Natura 2000 'Adlergrund' (DE1251301)

Iż-żona ġeografika magħluqa:

(1) bil-linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

| Punt | Latitudni (N) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| MGII-01 | 54,811946 | 14,239196 |
| MGII-02 | 54,721667 | 14,141667 |
| MGII-03 | 54,698889 | 14,117222 |
| MGII-04 | 54,657727 | 14,413062 |

(2) bil-linja tas-separazzjoni marittima bejn iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi tal-Ġermanja u tad-Danimarka minn 54,657727° N 14,413062° E sa 54,811946° N 14,239196° E"

"Is-sit ta' Natura 2000 'Pommersche Bucht mit Oderbank' (DE1652301)

Iż-żona ġeografika magħluqa:

(1) bil-linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

| Punt | Latitudni (N) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| MGIII-01 | 54,500000 | 14,055211 |
| MGIII-02 | 54,500000 | 14,742241 |

(2) bil-linja tas-separazzjoni marittima bejn iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi tal-Ġermanja u tal-Polonja minn 54,5° N 14,742241° E sa 54,126151° N 14,201431° E

(3) bil-linja tad-delimitazzjoni marittima tal-baħar territorjali tal-Ġermanja minn 54,126151° N 14,201431° E sa 54,5° N 14,055211° E"

(d) Fil-punt 3.3, it-Taqsima "Is-sit ta' Natura 2000 'Pommersche Bucht' (DE1552401)" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Is-sit ta' Natura 2000 'Pommersche Bucht' (DE1552401)

Iż-żona ġeografika magħluqa:

(1) bil-linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

| Punt | Latitudni (N) | Lonġitudni (E) |
|---|---|---|
| MGIV-01 | 54,647584 | 13,991417 |
| MGIV-02 | 54,702500 | 14,103889 |
| MGIV-03 | 54,721667 | 14,141667 |
| MGIV-04 | 54,811946 | 14,239196 |

(2) bil-linji tas-separazzjoni marittimi bejn iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi tal-Ġermanja u tad-Danimarka minn 54,811946° N 14,239196° E sa 54,657727° N 14,413062° E, iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi tal-Ġermanja u tad-Danimarka jew tal-Ġermanja u tal-Polonja minn 54,657727° N 14,413062° E sa 54,5° N 14,742241° E u ż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi tal-Ġermanja u tal-Polonja minn 54,5° N 14,742241° E sa 54,126151° N 14,201431° E.

(3) bil-linja tad-delimitazzjoni marittima tal-baħar territorjali tal-Ġermanja minn 54,126151° N 14,201431° E sa 54,5° N 14,055211° E u 54,5° N 14,055211° E sa 54,647584° N 13,991417° E".